Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 274/2008

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Joseph Abela u martu Christine Amanda Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, tmien mija u erbghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€2,840.74c) rapprezentanti prezz ta' konkrit debitament mibjugh u konsenjat lill-konvenuti mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal innota illi din il-kawza kienet ilha tigi differita ghal diversi seduti peress li kien se jitlahaq transazzjoni. Innota wkoll illi fit-2 ta' Marzu ta' din is-sena, Dr. Massimo Vella ghas-socjeta' attrici kien iddikjara illi s-sorte kien thallas u ghalhekk qieghed jirrinunzja ghall-istess talba ta'

hlas tas-sorte u informa lil dan it-Tribunal ukoll illi ghalkemm il-konvenuti kienu weghdu diversi drabi li kienu ha jhallsu l-ammont tal-ispejjez, huma baqghu ma hallsux l-ispejjez tal-kawza. Gie notat ukoll illi l-konvenuti, ghalkemm imsejhin diversi drabi, baqghu ma dehrux. Gie notat ukoll illi Dr. Massimo Vella ghas-socjeta' attrici iddikjara li kien qed izomm ferm u pregudikat il-kap tal-ispejjez u talab sabiex il-kawza tinghalaq ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

It-Tribunal wara li innota li kien hemm nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuti u wara li l-istess konvenuti naqsu li jidhru ghalkemm imsejhin diversi drabi, iddecieda illi jilqa' t-talba ta' Dr. Massimo Vella u ghadda biex jippronunzja s-sentenza fuq l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal, stante rinunzja da parte ta' Dr. Massimo Vella fuq is-sorte, qieghed ghalhekk jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tas-sorte pero` fl-istess hin qieghed jilqa' t-talba attrici in kont li din tolqot il-kap tal-ispejjez u ghaldaqstant qieghed jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ispejjez kollha ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------